A.L. 181 ta' l-1990

ATT TA' L-1988 DWAR L-EDUKAZZJONI
(ATT NRU. XXIV TA' L-1988)

Regolamenti għad-Diploma fl-Istudji Soċjali Applikati

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 28(5) u 29(6) ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ippromulga dawn ir-rgolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 33 ta' dak l-Att.

Titolu fil-qosor

Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejjħu Regolamenti għad-Diploma fl-Istudji Soċjali Applikati u jgħoddu għal korsijiet mibdija f'Ottubru 1987 jew wara:—

REGOLAMENTI GĦAD-DIPLOMA FL-ISTUDJI SOĊJALI APPLIKATI
(Igħoddu għal korsijiet mibdija f'Ottubru 1987 jew wara)

1. **Eliġibilità għad-Diploma fl-Istudji Soċjali Applikati**

1.1 Biex ikun jista' jingħata d-Diploma fl-Istudji Soċjali Applikati kandidat irid:

(i) ikun irreġistra u jkun temm b'suċċess kors ta' studji fil-Ħidma Soċjali, jew xi qasam approvat ieħor, kif hawn imniżżel f'dawn ir-regolamenti;

(ii) ikun għadda mill-Eżamijiet Finali għad-Diploma;

(iii) ikun issodisfa r-rekwiżiti l-oħra kollha mniżżlin f'dawn ir-regolamenti u fl-Istatuti u r-Regolamenti relevanti ta' l-Università.

2. **Ir-Reġistrazzjoni u r-Rekwiżiti Speċjali tal-Kors**

2.1 Kandidat jista' jiġi rreġistrat għal kors ta' studji li jwassal għad-Diploma fl-Istudji Soċjali Applikati jekk huwa eliġibbli biex jidħol l-Università bħala student regolari skond ir-Regolamenti tad-dħul fl-università.

2.2 Kandidat jista' jiġi rreġistrat għal kors ta' studji li jwassal għad-Diploma fl-Istudji Soċjali Applikati fl-istess żmien ta' kors ta' studji li jwassal għall-grad ta' B.A. jekk jirreġistra għall-Istudji Soċjali u għall-Psikoloġija bħala ż-żewġ oqsma ewlenin ta' l-istudju tiegħu.

2.3 Minkejja l-proveddiment tar-Regolament 2.1, gradwati ta' università, studenti 'l fuq minn 23 sena jew oħrajn li l-kwalifiki tagħhom huma meqjusin suffiċjenti mill-Bord tal-Fakultà, jistgħu jiġu eżentati minn kull rekwiżit ieħor għad-dħul fil-kors.

3. **It-Tul tal-Kors**

3.1 Il-kors ta' l-istudji li jwassal għad-Diploma fl-Istudji Soċjali Applikati normalment jinfirex fuq tliet snin ta' studju "part-time".

3.2 Student ma jistax jagħmel l-Eżami Finali qabel tliet snin minn meta jkun daħal fil-kors ta' l-istudji.

3.3 Għal raġuni tajba u suffiċjenti, il-Bord tal-Fakultà jista' jħalli student jifrex l-studji tiegħu fuq massimu ta' ħames snin, b'dawk il-kundizzjonijiet li l-Bord tal-Fakultà jista' jiddetermina f'kull każ.

4. **Il-Kors ta' l-istudji**

4.1 Kors ta' l-istudji għad-Diploma fl-Istudji Soċjali Applikati hu magħmul minn unitajiet ta' studju li għalihom huma mogħtija mhux inqas minn 30 kredtu.

5. **Katalgu ta' Unitajiet ta' Studju**

5.1 Qabel ma tibda kull sena akkademika, wara li jkun approvat mis-Senat, katalgu ta' unitajiet ta' studju u ta' krediti mogħtija lil kull unità ta' studju jkun ippublikat mill-Bord tal-Fakultà.

5.2 Il-katalgu jagħti d-dettalji ta' l-unitajiet ta' studju. Unità ta' studju tista' tinkludi, jew tkun magħmula b'kollox minn, xogħol prattiku magħmul taħt tmexxija fejn ikun xieraq. Student li jieħu unità bħal din jista' jkun mistenni jippreżenta rapporti bil-miktub dwar ix-xogħol prattiku li jkun għamel.

5.3 Il-katalgu jinkludi wkoll il-metodu tal-valutazzjoni għal kull unità ta' studju, liema unitajiet ta' studju għandhom jittieħdu fl-istess żmien u liema unitajiet ta' studju huma obbligatorji jew rakkomandati.

6. **Progress**

6.1 L-unitajiet ta' studju huma mqassmin b'mod li kors ta' studju jista' jsir fi żmien tliet snin.

6.2 F'kull sena tal-kors student huwa mistenni li jirreġistra għal għadd ta' unitajiet ta' studju li għalihom jingħata total ta' mhux inqas minn 10 kredti u mhux aktar minn 12-il kredtu.

6.3 Il-kredti huma mogħtija skond dawn il-gradi f'ordni mil-ogħla sa l-inqas mertu: A, B, Ċ, D u F, fejn F turi li wieħed weħel.

6.3.1 Student li ma jirnexxilux jikseb kredtu għal unità ta' studju normalment jitħalla jagħmel riparatorju wieħed biss, u jekk ikun meħtieġ, isegwi l-unità ta' studju mill-ġdid darba biss, u f'dan il-każ ix-xogħol tiegħu jingħata l-grad jew ta' D jew li weħel.

6.4 L-għażla ta' l-unitajiet ta' studju teħtieġ l-approvazzjoni tal-Bord tal-Fakultà fejn unità ta' studju tiġi wara unità jew unitajiet oħra.

6.5 L-unitajiet ta' studju jiġu offerti f'livell differenti. Unitajiet fundamentali jingħataw fil-Livell 1, waqt li unitajiet aktar avanzati jiġu offerti fil-Livell 2 jew 3.

6.6 Student li jikseb inqas minn 7 kredti f'kull waħda minn sentejn tal-kors ma jitħalliex ikompli l-kors jew jagħmel l-Eżamijiet Finali, ħlief f'ċirkostanzi speċjali u bl-approvazzjoni tas-Senat.

6.7 Student ma jistax jieħu unità ta' studji li għaliha m'għandux il-prerekwiżiti, jew mingħajr ma jieħu l-unitjaiet ta' studju proposti fl-istess żmien, ħlief bil-permess tal-Bord tal-Fakultà.

7. **Id-Dissertazzjoni**

7.1 Matul it-tieni parti tal-kors kull student hu mistenni jikteb dissertazzjoni. li s-suġġett tagħha jrid ikun approvat mill-Bord tal-Fakultà.

7.2 Ix-xeħta tad-dissertazzjoni hi essenzjalment stħarriġ ta' problema partikulari f'qasam marbut ma' l-ispeċjalizzazzjoni tal-kandidat, magħmul b'superviżjoni tutorjali.

7.3 Id-dissertazzjoni trid tkun sottomessa għall-eżami xahrejn qabel tmiem l-eżami komprensiv finali.

8. **L-Eżamijiet Finali**

8.1 L-Eżamijiet finali jsiru darba kull sena, normalment f'Mejju-Ġunju, u jkunu magħmula minn żewġt karti. Jista' jsir ukoll eżami *viva voce*.

8.2 Meta jtemm kors ta' studji student irid jagħmel l-Eżamijiet Finali.

8.3 Għall-għanijiet tar-Regolament 6.6, il-kredti jingħataw provviżorjament lil student għal dawk l-unitajiet ta' studju li jintemmu sewwasew qabel l-Eżamijiet Finali li jkun se jagħmel, bil-kundizzjoni li x-xogħol ta' l-istudent matul l-unità ta' studju jkun ikkonsidrat sodisfaċenti.

9. **Ir-Riżultati Finali**

9.1 Ir-Riżultati Finali ta' kandidat jikkonsidraw ix-xogħol tal-kandidat fl-Eżamijiet Finali, il-marki miksuba għad-dissertazzjoni, kif ukoll il-kredti u l-gradi miksuba matul il-kors ta' l-istudji tiegħu.

9.2 Student ma jikkwalifikax għad-diploma jekk ma jgħaddix mill-Eżamijiet Finali f'sessjoni waħda.

9.3 L-Eżamijiet Finali għandhom erbgħin fil-mija tal-parti kollha għar-riżultat finali. Id-Dissertazzjoni għandha għoxrin fil-mija tal-marki kollha għar-riżultat finali. L-unitajiet ta' studju għandhom l-erbgħin fil-mija l-oħra. Jekk student jikseb aktar minn 30 kredtu, l-aħjar 30 kredtu li jissodisfaw ir-Regolament 4.2 ikunu kkunsidrati.

9.4 Fir-Riżultati Finali l-ismijiet tal-kandidati li jikkwalifikaw għad-Diploma fl-Istudji Soċjali Applikati jkun ippubblikat f'ordni alfabetiku f'dawn il-kategoriji: Distinzjoni, Mertu, Kredtu, Għadda.

10. **Riparatorju**

10.1 Mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti 3.2 u 8.2 student li jeħel fl-Eżamijiet Finali jista' jitħalla mill-Bord tal-Fakultà jerġa' jagħmel l-Eżamijiet Finali kollha darba b'dawk il-kundizzjonijiet li l-Bord jista' jiddetermina f'kull każ. Jekk igħaddi, dan l-istudent jitqiegħed fil-kategorija ta' "Għadda" fir-Riżultati Finali.

11. **Applikazzjoni**

11.1 Dawn ir-regolamenti japplikaw biss għall-korsijiet mibdija f'Ottubru 1987 jew wara.

Klawsola Tranżitorja

T.1 Studenti li segwew korsijiet għad-Diploma fl-Istudji Soċjali Applikati u għall-Grad ta' B.A. f'"L-Università ta' Malta" matul is-sena akkademika 1987-1988 bir-regolamenti li kienu fis-seħħ f'dak iż-żmien jitqiesu li segwew korsijiet b'dawn ir-Regolamenti.